MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 408/2003

**Alfred u Maria Concetta konjugi Camilleri**

**vs**

**Gordian u Carol konjugi Ohaegbu**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fl-24 ta' April, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-atturi selfu xi flusijiet lill-konvenuti, u dan bil-ghan u l-intendiment car illi l-istess konvenuti kellhom jutilizzawhom sabiex jorganizzaw riceviment tat-tieg taghhom stess, u dan fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM 2,000);

Illi l-atturi selfu wkoll xi flusijiet lill-konvenuti sabiex ihallsu kontijiet pendenti ma terzi persuni, u dan fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250);

Illi l-atturi ezegwew diversi xogholijiet fil-fond proprjeta tal-konvenuti u dan fuq inkarigu tal-istess konvenuti, ghal-liema xogholijiet l-atturi ma rcevewx hlas u liema xogholijiet gew stmati li jammontaw ghal elfejn u mitejn u hamsin lira Maltin (LM 2,250), u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti ghamlu diversi snin jirrisjedu fil-fond tal-atturi, f'liema zmien huma ghamlu uzu mis-servizzi u facilitajiet kollha ezistenti fid-dar, u dan minghajr ma sar il-hlas jew kumpens opportun ghall-uzu u konsum imsemmi, li jammonta ghal madwar tlett elef lira Maltin (LM3,000);

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-ammonti msemmija, baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM 2,500) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti, rapprezentanti self brevi manu;

(2) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM 2,000) rapprezentanti prezz u valur ta' xogholijiet ezegwiti mill-atturi fil-fond proprjeta tal-konvenuti, u dan fuq inkarigu tal-istess konvenuti;

(3) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' tlett elef lira Maltin (LM 3,000) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti rapprezentanti spejjez dovuti ghall-uzu u konsum li sar ghal diversi snin mill-konvenuti tas-servizzi u facilitajiet kollha ezistenti fil-fond proprjeta tal-atturi;

(4) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (LM7,500) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti, rapprezentanti ammonti indikati fl-ewwel tlett talbiet;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata Novembru ’02 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gordian u Carol konjugi Ohaegbeu li *in forza* taghha huma eccepew illi:

1. Illi preliminarjament rigward it-tieni talba ta’ l-atturi, l-konvenuti jeccepixxu il-preskrizzjoni skond l-artikoli 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kodici Civili;
2. Illi l-konvenuti jeccepixxu ukoll il-preskrizzjoni biennali u dan skond l-artikolu 2149 (a);
3. Illi t-talbiet atturi huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dana peress li dawn il-flus gew moghtijin lill-konvenuti bhala donazzjoni u mhux bhala self brevi manu;
4. Illi t-talbiet atturi huma infondati rigwardanti s-servigi u dana peress li s-servigi huwa ritenut fil-ligi bhala li bniedem jippresta s-servigi tieghu bi speranza ta’ kumpens. F’dan il-kaz, il-konvenuti kienu qaghdu fid-dar tal-atturi bil-qbil ta’ l-atturi u b’sens ta’ rieda libera u assoluta ta’ donazzjoni u ghalhekk l-atturi qatt ma kienu qed jistennew kumpens, avolja wara rcevew kumpens mit-tifla taghhom Carol bil-bon volonta’ taghha;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat is-sentenza taghha tas-27 ta’ Frar 2007, li permezz taghha cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-partijeit inghataw il-fakulta mill-Qorti li jipprezentaw Notai ta' Osservazzjonijiet, dan baqghu ma ghamluhx fiz-zmien moghti lilhom;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi una volta illi gew decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet jibqa biss illi  jigu decizi it-talbiet attrici fid-dawl tat-tielet u ir-raba eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Illi t-talbiet attrici huma fis-sens illi :

(1) il-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM 2,500) jew somma verjuri rapprezentanti self brevi manu.
(2) Illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM 2,000) rapprezentanti prezz u valur ta' xogholijiet ezegwiti mill-atturi fil-fond proprjeta tal-konvenuti fuq inkarigu tal-istess konvenuti,
(3) dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' tlett elef lira Maltin (LM 3,000) jew somma verjuri rapprezentanti spejjez dovuti ghall-uzu u konsum li sar ghal diversi snin mill-konvenuti tas-servizzi u facilitajiet kollha ezistenti fil-fond tal-atturi u sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (LM7,500) jew somma verjuri.

Ikkunsidrat :

Illi Carol Camilleri xehdet illi hijia legalment separata minn Gordian Ohaegbu u illi tigi bint l-atturi.  Il-konvenuta xehdet illi hija izzewwget lil Gordian kontra x-xewqa tal-genituri taghha u illum il-gurnata hija separata minnu. Dwar it-tieni talba ta' l-atturi, hija qalet illi dan l-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) mhuwiex dovut peress illi ma kien hemm l-ebda ftehim li missierha kellu jithallas ghax-xoghol illi jaghmel u qalet illi missierha ghamel dan ix-xoghol fil-fond tal-konvenuti b'mod volontarju biex jghin lilha u lil zewgha illi ma kellhomx il-mezzi sabiex iqabbdu

persuni biex jaghmlu dawn ix-xogholijiet fl-appartament. Hija qalet illi l-ftehim kien wiehed ghal kollox graduwitu u qatt ma kien hemm xi ftehim ta' self. Dwar it-tielet talba attrici u cioe' it-talba li jithallasu l-ammont ta' tlett elef lira (LM3,000) jew somma verjuri, hija ghamlitha cara illi kien minnu li hi u zewgha kienu ghixu fid-dar ta' ommha u missierha u ghamlu uzu u konsum tas-servizzi kollha, inkluz servizzi tad-dawl, ilma u telephone u kielu ghand ommha izda il-konvenuta xehdet li qatt ma kien hemm xi ftehim, jew qbil illi hi u il-konvenut kienu obbligati jhallsu lill-atturi ghal dan l-uzu u ghal dan il-konsum. Dan kien gie offrut lilhom b'mod graduwitu mill-genituri taghha. Fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici, fejn l-atturi talbu is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500), il-konvenuta qalet illi kien minnu illi l-atturi selfuhom dawn il-flus, hija qalet illi l-atturi kienu tawhom dawn il-flus sabiex jizzewgu fil-knisja, izda hi u Gordian qatt ma izzewgu fil-knisja, izda izzewgu bir-registru. HIja xehdet illi hi u il-konvenut kienu talbu lill-atturi jisilfuhom dawn il-flus biex ihallsu id-deposit fuq il-post li kienu xtraw, izda ghamlitha cara li dawn il-flus ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) kienu ighataw lilha mill-konvenut b'self minghand l-atturi. Hija kompliet tixhed illi l-atturi kienu qalulhom illi kienu jaghtuhom dawn il-flus b'rigal jekk jizzewgu bil-knisja, izda huma baqghu ma izzewwgux bil-knisja peress illi ftit wara iz-zwieg kienu inqalghu problemi ohrajn bejnha u bejn il-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u, dwar is-somma ta' elfejn u hames mitt lira (LM2,500), huwa qal illi din is-somma kienet inghatat lill-konvenuta bhala rigal tat-tieg u qatt ma inghatat lilu. Huwa xehed illi qatt ma issemmiet il-kelma self f'dan ir-rigward u allura is-somma kienet inghatat lill-konvenuta b'donazzjoni. Fir-rigward tas-somma ta' elfejn lira Maltin illi l-atturi jippretendu minghandhom minhabba xogholijiet illi ezegwew fil-post taghhom, huwa xehed illi dawn ix-xogholijiet kienu sehhew kollha sa Dicembru 2001, izda xehed illi kien biss meta hu u il-konvenuta iddecidew li jisseparaw illi l-atturi riedu dawn il-flus u ikkwantifikawhom fis-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000). Il-konvenut xehed illi l-attur qatt ma kien

eppretenda li jithallas ta’ dan ix-xoghol, izda kien ghamlu minn jeddu.

Illi fir-rigward ta’ flus li qeghdin jippretendu l-atturi talli il-konvenuti uzaw is-servizzi meta kienu jghixu maghhom u talli kielu hemm hekk, il-konvenut xehed illi qatt ma kien hemm xi kuntratt fis-sens illi kellhom jithallsu xi flus lill-atturi ghall-dan. Huwa ikkollabora ix-xhieda tal-konvenuta fis-sens illi l-attrici kienet titlob somma ta’ flus minghand il-konvenuta kull xahar u ghall-bqija kullma kienu ghamlu maghhom l-atturi kien gratuwitu.

Illi xehed l-attur u qal illi il-konvenut kien ta’ nazzjonalita barranija u fiz-zmien in kwistjoni ma kellux impjieg u lanqas kellu fejn jghix. Il-konvenut kien talbu sabiex jigi jorqod id-dar tieghu u baqa hemm hekk, u dan kontra ir-rieda tieghu, tant illi huwa kien hareg mid-dar u mar jghix fil-post ta’ velleggatura ghal tlett snin shah, waqt li martu baqghet tghix fid-dar mal-konvenuti. L-attur xehed illi l-konvenuti kienu iffirmaw konvenju biex jixtru post fejn jghixu, u sabiex sar il-konvenju hu u martu kienu selfu lill-konvenuti is-somma ta’ elfejn lira (LM2,000). Il-konvenju kien thassar wara xahar u il-konvenuti kienu hadu id-depositu ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) lura u dahlu f’konvenju ghall-post iehor. Huwa xehed illi l-konvenuti, minflok uzaw dawn il-flus sabiex jaghmlu tieg kif riedu l-atturi, uzawhom sabiex jirrangaw il-post il-gdid illi kienu ser jixtru u t-tieg baqa qatt ma sar. Huwa xehed illi inoltre kien ta’ lill-bintu somma ulterjuri ta’ hames mitt lira Maltin (LM500) bhala rigal u dan kien gara f’Jannar 2001. L-attur kompla jixhed illi kien ghamel hafna xoghol fl-appartament tal-konvenuti. Ix-xoghol bdieh ghall-habta ta’ Ottubru 2001 u dam sejjer bih sa Mejju 2002. Huwa qal illi qed jippretendi il-hlas tal-mano d’opera tieghu, tenut kont tal-fatt illi dam sitt xhur jahdem f’dan il-post. L-attur kompla jghid illi minn meta bintu izzewwget lill-konvenut sa kemm hi u il-konvenut marru jghixu fil-post taghhom kienu baqghu jghixu fid-dar tieghu ma martu u wara illi l-konvenuti marru jghixu f’darhom, xi xahrejn biss wara, iz-zwieg taghhom kien tkisser, pero’ baqghu jghixu flimkien ghal sena ohra sakemm isseparaw.

Illi xehdet l-attrici illi ikkollobrat ix-xhieda ta' l-attur. L-attrici xehdet illi kienet zammet lill-konvenuti maghha sabiex tghin lil bintha peress illi il-konvenut ma kellux impjieg u kienet tahdem bintha biss. Dak iz-zmien il-konvenuta kienet issuggeriet li tibda taghtiha ghoxrin lira Maltin (LM20) fil-gimgha bhala spejjez tal-hajja, inkluz il-kontribut taghhom lejn il-kontijiet tas-servizzi tad-dar u hi kienet accettat, izda il-konvenuta kienet hallsitha biss xi hames, jew sitt darbiet u il-hlas kien isir darba fix-xahar u mhux darba fil-gimgha.

Illi l-atturi t-tnejn li huma xehdu illi jiddispjacihom illi wara dak kollu li ghamlu mal-konvenuta, illum il-gurnata huwa biss il-konvenut illi qieghed igawdi id-dar u mhux il-konvenuta.

Illi in kontro-ezami l-attrici xehdet dwar is-somma ta' elfejn lira (LM2,000), illi hija qatt ma kienet qalet lill-konvenut illi dawn il-flus kienet tathomlom b'self, izda xehdet illi kienet qalet b'dan lill-konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ma sar l-ebda kuntratt ta' self bejn il-partijiet u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq il-provi prodotti mill-partijiet.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kamp civili kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l- fatti spece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-duttrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk

dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (Vide Borg vs Bartolo, Appell Inferjuri deciz fil-25 ta’ Gunju 1980). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (Vide sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Caruana vs Laurenti deciza fit-8 ta’ April 1994 u sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib deciza fis-17 ta’ Lulju 1981.

Illi kif intqal fis-sentenza illi inghatat mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe deciza fit-28 ta’ April, 2004 :

“Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purche s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.”

Illi f’sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et deciza fil-25 ta’ April 2002 il-Qorti qalet hekk :

“Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.”

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel talba attrici, illi il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (LM 2,500) rapprezentanti self brevi manu, il-Qorti temmen il-verzjoni

ta’ l-atturi fis-sens illi is-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) inghatat lill-konvenuti bil-patt illi huma jizzewgu fil-knisja u jaghmlu it-tieg, haga illi l-konvenuti baqghu ma ghamluhiex u minflok uzaw is-somma sabiex ihallsu depositu fuq il-post illi xtraw.

Illi l-istess konvenuta ukoll qablet mal-allegazzjoni ta’ l-atturi fis-sens illi din is-somma inghatat lilhom sabiex jaghmlu it-tieg wara illi jizzewgu fil-knisja, izda l-attur ippreciza illi l-ammont kien ta’ elfejn lira (LM2,000) peress illi s-somma ulterjuri ta’ hames mitt lira l-attur ghaddiha lill-konvenuta b’donazzjoni u mhux b’self. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa l-ewwel talba attrici, izda limitatament ghas-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) u mhux is-somma ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500).

Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici illi l-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) rapprezentanti valur ta’ xogholijiet ezegwiti mill-attur fil-fond tal-konvenuti, il-Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenuti illi din is-somma mhijiex dovuta lill-atturi peress illi l-attur ghamel dan ix-xoghol fid-dar tal-konvenuti b’mod volontarju u minn jeddu u sabiex jghinhom peress illi ma kellhomx il-mezzi finanzjarji.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda ftehim illi l-attur jithallas ta’ xogholu, izda kien xoghol illi l-attur kien ghamel bil-bona volonta tieghu bhala missier lejn bintu.

Illi sahansitra l-istess attur xehed (fol. 30) illi kien ghamel dawk ix-xogholijiet biex jghin lill-bintu.

Illi l-Qorti tirrileva illi l-atturi lanqas biss ma esibew xi ircevuti sabiex jippruvaw illi is-somma dovuta lilhom f’dan ir-rigward hija ta’ elfejn lira Maltin. Huma qabdu u nizzlu din ic-cifra minghajr ma issostanzjawha bi provi ohrajn.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tichad it-tieni talba attrici.

Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici illi il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta’ tlett elef

lira (LM3,000) rapprezentani spejjez dovuti ghall-uzu u konsum li sar ghal diversi snin mill-konvenuti tas-servizzi u facilitajiet kollha ezistenti fil-fond ta' l-atturi, il-Qorti rat illi mill-provi prodotti irrizulta illi effettivament il-konvenuti ghexu fid-dar ta' l-atturi ghal madwar tlett snin.

Illi irrizulta illi l-konvenuta kienet thallas lil ommha is-somma ta' ghoxrin lira Maltin (LM20) fix-xahar u mhux dejjem kienet taghtihomha.

Illi l-Qorti rat illi l-atturi ippermettew illi l-konvenuti jghixu fid-dar taghhom peress illi d-dar taghhom kienet ghadha mhix lestha u ma kellhomx il-mezzi sabiex jikru x'imkien sakemm jitlesta il-post taghhom.

Illi l-Qorti rat illi minn imkien ma jirrizulta illi l-atturi ippretendew xi hlas minghand il-konvenuti talli il-konvenuti uzaw l-ilma, id-dawl u t-telephone u kielu ghand l-atturi. Pjuttost il-Qorti tara, kif ammettew l-istess atturi, illi l-atturi qeghdin jippretendu din is-somma minghand il-konvenuti peress illi huma dispjacuti illi illum il-gurnata, wara illi l-attur tant hadem fil-fond tal-konvenuti, huwa biss il-konvenut illi qieghed jirrisjedi fil-fond in kwistjoni u kienet din il-motivazzjoni illi l-atturi ghamlu dawn it-talbiet.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra ukoll tichad it-tielet talba attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa ir-raba eccezzjoni taghhom u ghalhekk tilqa l-ewwel talba attrici izda limitatament ghas-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000), ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) u ghalhekk il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi is-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75), ekwivalenti ghas-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000). Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------